## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 498/2016 MS*

**Bluerock Operations Limited[1]**

**Vs.**

**D&SIGN s.r.l.**

Illum, 21 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fit-23 ta' Ġunju 2016 li permezz tiegħu, wara li hija ppremettiet hekk:

---

[1] Isem l-attriċi oriġinarjament kien Classic Group Limited, iżda ġie korrett biex jaqra kif inhu llum b'dikriet mogħti minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fil-21 ta' Frar 2023 (fol.776).

Illi s-socjeta' rikorrenti hija kumpannija privata b'responsabbilta limitata stabbilita taħt il-liġijiet ta' Malta u rreġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpanniji bin-numru ta' registrazzjoni *C13841*, liema socjeta' tmexxi negozju relatat mal-bejgh ta' gojjellerija;

Illi s-socjeta' intimata, *D&SIGN S.r.l*, hija kumpannija privata b'responsabbilta limitata stabbilita taht il-ligijiet ta' l-Italja li topera fil-qasam tal-manifattura, distribuzzjoni u installazzjoni ta' ghamara artigjanali;

Illi s-socjeta' rikorrenti kkonkludiet ftehim ta' appalt mas-socjeta' intimata fis-*17* ta' Gunju tas-sena *2014 (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A')* fejn din ta' l-ahhar ikkommettiet ruhha li tipprovdi ghall-manifattura, l-konsenja u l-installazzjoni ta' diversi arredamenti fil-hanut tas-socjeta' rikorrenti gewwa *Tigne Point* f'tas-Sliema;

Illi s-socjeta' intimata D&SIGN S.r.l kienet inadempjenti kuntrattwalment tramite l-morozita taghha fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt t'appalt dato li sal-llum il-gurnata x-xogholijiet li din kellha tezegwixxi ghadhom ma gewx kompletati nonostante li dawn kellhom jitlestew sat-*22* ta' Awissu tas-sena *2014* kif jesigi l-ftehim surriferit *(vide Dok A - Appendice B)*;

Illi l-klawsola 3.3 tal-ftehim de quo tispecifika s-segwenti:

*Nel caso il Venditore non consegni alle date previste nell'Appendice B, I prodotti indicate nell'ordine (Appendice A), esso dovra' corrispondere una penale stabilita nella seguente misura:*

***Cinquemila Euro (€5,000) per ogni giorno di ritardo***

*Questa penale non verra applicate e orrisposta nel caso in cui la consegna ed istallazione dei prodotti indicate nell'Appendice A, avvenga non piu' tardi del mattina del 29 Agosto 2014.* ***Se entro la mattina del 29 Agosto 2014 la suddetta consegna ed istallazione dei prodotti non avverra', il Venditore sara' tenuto a corrispondere al Compratore la penale nella misura suddetta, calcolata dalla data 29 Agosto 2014****;*

Illi di piu, s-socjeta' intimata kienet addirittura inadempjenti kuntrattwalment minn lat ulterjuri stante li x-xogholijiet parzjali li din fil-fatt wettqet ma lahqux il-livell rikjest mis-socjeta' rikorrenti propju ghaliex dawn ma sarux

skond l-arti u s-sengha u/jew skond l-ispecifikazzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt *(vide Dok A – Appendice A)*;

Illi peress li s-socjeta' intimata naqqset milli taderixxi mal-obbligi kuntrattwali taghha ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, s-socjeta' rikorrenti giet ostakolata milli tipprocedi bit-tnedija tal-operat tal-hanut taghha gewwa *Tigne Point* entro z-zmien previst u b'hekk din inkorriet numru konsiderevoli ta' spejjez, kagun tad-dewmien u l-kwalita inadegwata ta' dik il-parti tax-xogholijiet rezi mis-socjeta' intimata. Fil-fatt jaghti l-kaz illi l-hanut tas-socjeta' rikorrenti infetah ghan-negozju, anke jekk biss temporanjament, fid-29 ta' Novembru 2014 meta suppost dan kellu jibda jopera mid-29 ta' Awwissu 2014 kif effettivament jirrikjedi l-ftehim konkluz bejn il-partijiet;

Illi in vista tas-suespost u wara li interpellat inutilment lis-socjeta' intimata sabiex tlesti jew altrimenti tirranga x-xoghol li kellha twettaq, s-socjeta' rikorrenti giet kostretta tingagga s-servizzi ta' diversi kuntratturi lokali sabiex jigi radrizzat, anke jekk biss provvizorjament, ix-xoghol difettuz tas-socjeta' intimata, u dan bil-konsegwenza li s-socjeta' rikorrenti garrbet spejjez li ammontaw ghall-aktar minn erbghin elf Ewro *(€40,000)* f'dan ir-rigward;

Illi, fl-isfond tal-paragrafu precedenti, s-socjeta' rikorrenti kellha sahansitra thallas somma addizzjonali ta' l-fuq minn hamsa u ghoxrin elf Ewro *(€25,000)*, rapprezentanti pagamenti li saru lill-tali kuntratturi b'rabta ma' xogholijiet supplementari li kienu mehtiega sabiex jigu rettifikati diversi zbalji fix-xogholijiet tas-socjeta' intimata, fosthom zbalji lampanti f'dak li ghandu x'jaqsam ma' dimensjonijiet tal-ghamara kif ukoll *detailing* ta' rham, *gypsum* u *HVAC systems*;

Illi inoltre, specifikament minhabba d-dewmien ezagerat tas-socjeta' intimata fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet li din giet inkarigata twettaq, is-socjeta' rikorrenti di segwitu garrbet ghadd ta' danni ulterjuri;

Illi d-data skedata ghall-bidu ta' l-operat tal-hanut tas-socjeta' rikorrenti kellha tigi ritardata - tant li din tressqet lura b'madwar tlett xhur kif rilevat fil-paragrafu numru 7 ta' dan ir-rikors. Ghaldaqstant, fl-ewwel lok is-socjeta' rikorrenti naturalment xorta wahda kellha thallas il-kera mensili dovuta matul dan il-perjodu, u fit-tieni lok din soffriet telf ta' negozju sostanzjali stante li l-istess socjeta' rikorrenti tilfet l-introjtu ta' tlett xhur a kawza tat-traskuragni assoluta tas-socjeta' intimata;

> Illi barra minn hekk s-socjeta' rikorrenti kellha ukoll thallas is-salarji rispettivi ta' l-impjegati taghha fiz-zmien li l-hanut taghha baqa maghluq minhabba d-dewmien tas-socjeta' intimata fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet;
>
> Illi l-istock li s-socjeta' rikorrenti kienet akkwistat sabiex dan jigi mibjugh mill-hanut in kwistjoni ddeprezza fil-valur b'mod sinifikanti peress illi din ma setghetx taghti bidu ghan-negozju taghha mit-tali hanut fid-data li kienet prevista originarjament. Ghaldaqstant, jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti inkorriet tal-anqas sbatax-il elf Ewro (€17,000) f'interessi b'rabta mal-finanzjament tal-akkwist ta' dan l-istock;
>
> Illi in aggiunta, s-socjeta' rikorrenti inkorriet spejjez relatati mal-provvista ta' ikel u akkomodazzjoni lir-rapprezentanti tas-socjeta' intimata, u/jew nies imqabbda minnha, li gew Malta sabiex izuru l-hanut *de quo* tas-socjeta' rikorrenti u jevalwaw l-istadju arretrat u l-ezekuzzjoni skorretta tax-xogholijiet li din kienet taht obbligu twettaq;
>
> Illi ghandu jigi rilevat ukoll li s-socjeta' intimata naqqset milli tibqa konformi mal-iskeda kuntrattwali ghall-konsenja tal-arredamenti *(vide Dok. A – Appendice B)* u b'hekk gara li s-socjeta' rikorrenti kellha tinkorri l-ispejjez konnessi ma l-ispedizjonijiet tardivi tas-socjeta' intimata. B'dan gara li kellhom isiru spedizzjonijiet zejda li swew lis-socjeta' rikorrenti madwar sitt elef Ewro (€6,000);
>
> Illi minkejja li saru diversi tentattivi da parti tas-socjeta' rikorrenti sabiex din il-vertenza tigi rizolta bonarjament dawn ma kellhomx ezitu u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva ghajr li tipprocedi bil-kawza odjerna fil-konfront tas-socjeta' intimata.

l-istess attriċi kompliet billi talbet lill-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tiddikjara li s-socjeta' intimata *D&SIGN S.r.l* hija inadempjenti kuntrattwalment, u konsegwentament responsabbli ghad-danni li garrbet is-socjeta rikorrenti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt t'appalt tas-*17* ta' Gunju tas-sena *2014*;

2. Tillikwida kwantum ta' danni rapprezentanti l-ispejjez li s-socjeta' rikorrenti nkorriet a kawza tal-fatt li s-socjeta' intimata naqqset milli taderixxi mat-termini tal-kuntratt

t'appalt surriferit billi ma' kkonkludietx ix-xogholijiet entro t-terminu stabbilit fl-istess ftehim;

3. Tillikwida kwantum rapprezentanti s-somma kumplessiva dovuta lis-socjeta' rikorrenti bhala penali applikabbli skond il-klawsola 3.3 tal-kuntratt de quo in vista tad-dewmien da parti tas-socjeta' intimata fil-prestazzjonijiet tal-obbligi taghha skond il-kuntratt;

4. Tillikwida somma rapprezentanti t-telf ta' negozju li s-socjeta' rikorrenti soffriet konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta' intimata u tant iehor il-konsenji tardivi li saru da parti taghha, kif ukoll id-dewmien eccessiv fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt t'appalt de quo;

5. Tikkundana lis-socjeta' intimata thallas l-ammonti hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Taghti kull rimedju u/jew dirrettiva ohra li din l-Onorabbli Qorti jidrilha huwa xieraq u opportun.

   Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni ulterjuri skond il-ligi.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fid-19 t'Ottubru 2016[2], li permezz tagħha din eċċepiet hekk:

   Illi l-allegazzjonijiet kollha magħmula fil-konfront tal-kumpannija esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kif ser jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża l-kumpannija esponenti ma kkaġunat ebda danni fil-konfront tal-kumpannija rikorrenti.

   Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti kompriża fl-istess risposta ġuramentata;

4. Rat id-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-10 t'April 2017[3], li biha ngħad li r-risposta ġuramentata tal-konvenuta ma kinitx tardiva u għalhekk kienet valida;

---

[2] Fol.80.
[3] Fol.158.

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali kollha;

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

7. Semgħet it-trattazzjoni finali;

8. Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

9. Illi din hija azzjoni għar-riżarċiment ta' ħsara li l-attriċi tgħid li ġarrbet minħabba li l-konvenuta ma wettqitx dmirijiet li hija assumiet b'kuntratt kif imiss. Il-konvenuta, min-naħa tagħha, ssostni li kull dewmien kien imputabbli lill-attriċi stess u li l-oġġetti minnha konsenjati kienu kif miftiehem.

10. Il-fatti tal-każ jistgħu jiġu riepilogati kif ġej.

11. Permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' Ġunju 2014[4], il-kontendenti ftehmu li «*Il Venditore*[5] *si impegna a vendere al Compratore*[6] *che si impegna ad acquistare i prodotti definiti e specificati nell'ordine qui allegato (in seguito denominati i "prodotti") come Appendice A di questo contratto (di cui costituisce parte integrante) nella quantità e ai prezzi indicati nello stesso ordine e alle condizioni tutte previste qui di seguito*». B'dan il-ftehim, il-kontendenti ftehmu dwar is-segwenti pattijiet saljenti:

    - skont il-ftehim, il-konsenja kellha ssir fl-istabbiliment tal-konvenuta, u kellha tkun l-attriċi li tieħu ħsieb il-ġarr tal-oġġetti konsenjati lilha għall-istabbiliment tagħha f'Malta, b'dan illi l-konvenuta ntrabtet li tibgħat impjegati tagħha f'Malta biex jieħdu ħsieb l-assemblaġġ tal-oġġetti konsenjati. B'danakollu ġie espressament miftiehem li d-data tal-konsenja, għal finijiet ta' determinazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-obbligi tal-konvenuta, kellha titqies id-data li fiha l-oġġetti jiġu stallati mill-konvenuta fil-lok li

[4] Fol.8.
[5] Il-konvenuta.
[6] L-attriċi.

għalihom kienu destinati mill-attriċi, u ċjoè fil-ħanut tagħha fi Pjazza Tignè fi Sliema, f'Malta. Ġie miftiehem għalhekk li l-konsenja f'dan is-sens kellha sseħħ sa mhux aktar tard mill-għodwa tad-29 t'Awwissu 2014, u fin-nuqqas, il-konvenuta tinkorri penali ta' €5,000 għal kull jum ta' dewmien. Ġie wkoll miftiehem li jekk id-dewmien ikun imputabbli għall-ġarr tal-oġġetti wara li dawn jiġu meħuda mill-attriċi mil-lok tal-konsenja fl-Italja, il-penali ma tkunx dovuta;

- ġiet ukoll miftehma penali fl-istess ċifra li tkun dovuta mill-attriċi lill-konvenuta f'każ li l-ħanut tagħha ma jkunx lest biex jieħu fih l-oġġetti in kwistjoni sal-11 t'Awwissu 2014;
- il-kontendenti ftehmu wkoll li l-*periculum rei* dwar l-oġġetti jiġi trasferit lill-attriċi malli hija tieħu l-konsenja tal-oġġetti fl-Italja, iżda t-titolu fuq l-istess oġġetti jiġi trasferit biss mal-istallazzjoni tal-oġġetti f'Malta;
- ġie wkoll espressament miftiehem li l-konsenja ma titqisx li seħħet kemm-il darba l-oġġetti ma jkunux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet jew inkella jkollhom difetti ta' fabbrikazzjoni jew ta' funzjonament;
- fost il-garanziji mogħtija mill-konvenuta, hemm li «*i prodotti sono privi di vizi e/o difetti di fabbricazione e di funzionamente*». Ġie miftiehem li l-ksur ta' din il-garanzija kien jgħabbi lill-konvenuta bid-dmir li tipproċedi bit-tneħħija tal-vizzju jew difett f'terminu ta' ħmistax-il jum tax-xogħol min-notifika tiegħu mill-attriċi, u fin-nuqqas l-attriċi jkollha l-jedd li tipproċedi hi stess għat-tneħħija tal-vizzju jew difett bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-konvenuta;
- il-kontendenti ftehmu wkoll li jkun hemm il-jedd ta' terminazzjoni tal-kuntratt f'każ ta' inadempiment essenzjali dwar obbligu sostanzjali, u fejn dak l-inadempiment ma jiġix sanat fi żmien sebat ijiem minn talba bil-miktub magħmula mill-parti l-oħra. Il-jedd ta' terminazzjoni kien jitwieled ukoll fejn issir ċessjoni tal-kuntratt jew fejn xi waħda mill-partijiet tkun soġġetta għal xi proċedura ta' konkors. Ġie wkoll espressament miftiehem illi: «*Il risarcimento del danno per l'inadempimento commesso da una Parte è costituito da una somma parti alla perdita, comprensiva del mancato guadagno, subita dall'altra Parte in conseguenza di tale inadempimento. Il risarcimento in ogni caso non potrà essere superiore alla perdita che la Parte*

*inadempiente aveva previsto o avrebbe dovuto prevedere come possibile conseguenza dell'inadempimento, al tempo della conclusione del contratto*»;

- il-kontendenti ftehmu li l-liġi applikabbli hija dik Maltija u li huma l-Qrati Maltin li jkollhom ġurisdizzjoni dwar tilwimiet konnessi ma' dan il-kuntratt.

12. L-attriċi ssostni li hija ltaqgħet mal-konvenuta permezz ta' fiera li nżammet f'Basel. Inizjalment, l-attriċi qabbdet lill-konvenuta sabiex tagħmel diżinn tekniku tal-pjan terran tal-ħanut tal-attriċi, u ġie ffirmat anki ftehim żgħir għal dan l-iskop[7]. Bih, il-konvenuta «*si impegna ad eseguire a favore del Committente le prestazioni di ideazione e progettazione stilistica non costruttiva...*». Dan il-ftehim ġie eżebit mill-konvenuta u huwa datat 22 t'April 2014[8].

13. Id-diżinn intogħġob mill-attriċi, u għalhekk il-kontendenti ftehmu biex jipproċedu għal ftehim dwar ix-xogħol kollu li l-attriċi kellha bżonn mingħand il-konvenuta. Sar il-kuntratt li għalih diġà saret riferenza ampja, u kien minn hemm, tgħid l-attriċi, li bdew id-diffikultajiet. Diffikultajiet li kienu naxxenti minn dewmien min-naħa tal-konvenuta biex tipprovdi d-diżinni tax-xogħol li tqabbdet tagħmel sabiex dawn jiġu approvati mill-attriċi[9]. Meta bdew jaslu d-diżinni, dawn kien ikollhom difetti li l-attriċi ssejjaħ "stupidi", bħal per eżempju dwar l-għoli tal-*counters* jew vetrini li ma jinfetħux. Sadanittant iż-żmien kien għaddej, u l-attriċi kienet assumiet obbligu mas-sidien tal-kumpless li minnu jifforma parti l-ħanut tagħha li dan il-ħanut jinfetaħ għan-negozju sal-aħħar t'Awwissu 2014[10].

14. L-attriċi ssostni li kien parti mix-xogħol tal-konvenuta li din tħejji d-diżinni għall-elettriku, għall-irħam, għal *gypsum* u anki għas-sistema tal-arja kondizzjonata[11]. Minħabba f'hekk il-provdituri ta' dawn il-materjali kellhom ukoll jiġu identifikati mill-konvenuta.

15. Issemma l-każ ta' xi ħadid li kellu jitweħħel mal-ħajt sabiex miegħu jeħlu l-vetrini li kellhom jitlestew mill-konvenuta. Ingħad li min kien solitament jagħmel dan ix-xogħol

[7] Ara x-xiehda ta' Karl Micallef, a fol.173.
[8] Fol.421.
[9] Ara x-xiehda ta' Karl Micallef, a fol.174.
[10] Ara x-xiehda ta' Karl Micallef, a fol.172.
[11] Ara x-xiehda ta' Karl Micallef, a fol.199D.

għall-attriċi fi ħwienet oħrajn tagħha ma kienx tqabbad mill-konvenuta wara li ntalbet stima mingħandu, u dan ix-xogħol kellu jsir mill-konvenuta, li però għamlitu ħażin tant li sar żball ta' sebgħin ċentimetru billi nsiet tkejjel il-vetrina li kellha tiġi fil-faċċata tal-entrata tal-ħanut, u kellu jsir mill-ġdid[12]. Issemmew ukoll nuqqasijiet oħrajn, fosthom ħajt li kellu jinħatt, il-brass tal-vetrini li kien ħażin, l-għoli tal-vetrini u għamara oħra f'rokna partikolari li ma qagħditx minħabba li ma ġewx ikkunsidrati l-pajpijiet tal-arja kondizzjonata[13].

16. Id-data tal-aħħar t'Awwissu ma nżammitx u l-attriċi tgħid li hija kienet lesta li testendi ż-żmien mogħti lill-konvenuta għal Ottubru[14]. Tgħid li l-konvenuta però ħadet pożizzjoni li ma tibgħatx ix-xogħol tagħha biex jiġi trasportat mill-attriċi jekk l-attriċi ma tagħmilx ċertu ħlasijiet[15]. L-attriċi tgħid li hija kienet lesta li tħallas però mhux l-ammont sħiħ[16], għaliex sa dak iż-żmien hija kienet diġà rat ċertu difetti fil-kwalità tax-xogħol konsenjat mill-konvenuta[17].

17. Fis-17 ta' Settembru 2014 l-attriċi tgħid li kien hemm l-irħam imweħħel fil-ħanut[18].

18. F'Novembru 2014, il-konvenuta bagħtet numru t'impjegati tagħha biex jieħdu ħsieb l-istallazzjoni. Kien hemm xi problema dwar taraġ minħabba l-kejl ta' xi ħġieġ. Il-konvenuta tat it-tort lill-kuntrattur li weħħel l-irħam mat-taraġ, u dan il-kuntrattur weħħel fil-konvenuta[19]. L-impjegati mibgħuta mill-konvenuta telqu qabel ma lestew ix-xogħol kollu[20], u minħabba f'hekk l-għamara prodotta mill-konvenuta kellha titweħħel minn persuni oħrajn li ġew imqabbda mill-attriċi urġentement minħabba li l-ftuħ tal-ħanut kien skedat li jsir fi ftit ġranet[21].

---

[12] Ara x-xiehda ta' Owen Pillow, a fol.257.
[13] Ara x-xiehda ta' Alfred Anastasi, minn fol.265-266.
[14] Fol.188.
[15] Fol.186.
[16] Fol.190.
[17] Ara x-xiehda ta' Karl Micallef, a fol.177.
[18] Ara x-xiehda ta' Lloyd Ciappara, a fol.252-253, u r-ritratti eżebiti a fol.254-255.
[19] Ara x-xiehda ta' Lloyd Ciappara, a fol.251.
[20] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Andrea Pienti, a fol.709.
[21] Ara x-xiehda ta' Joseph Pillow, a fol.277.

19. L-attriċi tgħid li l-ħanut infetaħ f'Novembru 2014[22], iżda kellu jerġà jingħalaq fi Frar ta' wara, sabiex issir it-tiswija ta' difetti[23] mill-konvenuta, li però qatt ma bagħtet lil ħadd biex jagħmel it-tiswijiet[24], għalkemm saru diskussjonijiet u proposti fir-rigward[25]. Jidher fil-fatt li sa l-ewwel nofs tas-sena 2016, id-diffikultajiet kienu għadhom ma ġewx risolti, tant li l-attriċi kienet laqqgħet lill-konvenuta ma' Alessandro Ridolfi, direttur tas-soċjetà Arredolegnodesign s.r.l., li kienet tqabbdet mill-attriċi b'rabta ma' ħanut ieħor tagħha ġewwa Valletta, bl-iskop li dan jidderiġi lill-konvenuta dwar il-finituri li riedet l-attriċi fil-ħanut tagħha f'Tignè. Ridolfi assista lill-konvenuta fit-tħejjija ta' tabella għall-ħanut ta' Tignè, u sussegwentement ġie mitlub mill-konvenuta jħejji stima sabiex jassistiha dwar il-kompletazzjoni u s-sostituzzjoni ta' ċertu xogħlijiet fl-istess ħanut. Għalkemm hu provda din l-istima, ma rċieva ebda tweġiba dwarha[26].

20. L-attriċi tilmenta li minħabba d-dewmien tal-konvenuta, hija ġarrbet ċertu spejjeż. Sostniet li dawn l-ispejjeż kienu jikkonsistu minn: (i) spejjeż t'inventarju; (ii) spejjeż t'impjegati; (iii) kera mħallsa għal xejn għall-ħanut li kellu jinżamm magħluq; (iv) spejjeż lil persuni tekniċi oħrajn sabiex jagħmlu t-tiswija li kien imissha għamlet il-konvenuta[27]; (v) spejjeż oħra li kien għad jonqos li jsiru minħabba nuqqasijiet fix-xogħol tal-konvenuta. Fiż-żmien meta nfetħet il-kawża, l-attriċi tgħid illi x-xogħol ħażin li fadal jissewwa kien (a) il-brass li sar kollu ħażin, (b) vetrini li ma jinfetħux jew ma jingħalqux jew jinfetħu weħidhom; (ċ) iż-żewġ *cash tills* tal-ħanut[28]. Fir-rigward tal-ispejjeż li l-attriċi tgħid li għandha tinkorri biex jissewwew in-nuqqasijiet fix-xogħol tal-konvenuta, ġie ppreżentat prospett imħejji minn Alessandro Ridolfi[29]. Fil-kontro-eżami tiegħu, Ridolfi stqarr li ħafna mill-elementi kompriżi fl-istima tax-xogħlijiet mitluba minnu kienu estetiċi u mhux riparatorji[30].

21. Il-konvenuta min-naħa l-oħra ssostni li hija ma żammitx iż-żmien miftiehem minħabba bidliet li l-attriċi kienet kostantement tagħmel u li wassal għad-dewmien lamentat.

[22] Fol.215.
[23] Ara x-xiehda ta' Karl Micallef, a fol.177.
[24] Ara x-xiehda ta' Paul Fenech, a fol.291.
[25] Fol.558.
[26] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Alessandro Ridolfi, a fol.238-239.
[27] F'dan ir-rigward, l-attriċi pproduċiet lil Silvan Attard (fol.263) li eżebixxa fattura li tinkludi l-ammont ta' €1,200 għax-xogħol addizzjonali magħmul minħabba l-konvenuta (fol.268-269).
[28] Ara x-xiehda ta' Karl Micallef, a fol.178.
[29] Fol.281.
[30] Fol.719.

Bidliet li kienu jolqtu l-materjal tal-brass[31], l-għoli ta' xi suffitti jew pavimenti b'differenza minn dawk indikati fid-diżinni[32], kif ukoll nuqqas ta' tlestija tal-ħanut tal-attriċi – fil-fatt il-konvenuta sostniet li meta għamlet l-ewwel konsenja t'għamara kien hemm bosta xogħlijiet għaddejjin fil-ħanut, bħal tibjid u tqegħid ta' rħam[33]. B'mod partikolari, l-konvenuta tgħid li kien hemm bidliet fl-istil magħżul mill-attriċi li wassal għall-ħtieġa li jsiru diversi reviżjonijiet fid-diżinni (il-konvenuta tgħid li kien hemm xejn anqas minn seba' bidliet[34]), u l-bdil fid-diżinni dewwem ix-xogħol fuq l-għamara nnifisha[35]. Il-konvenuta tgħid li kien biss fis-17 ta' Settembru 2014 li Karl Micallef, wieħed mid-direttur tal-attriċi, ffirma d-diżinni u għalhekk setgħet tibda l-manifattura tal-għamara[36]. Aktar 'il quddiem, b'nota tas-26 ta' Settembru 2019, żiedet li l-approvazzjoni tad-diżinnji kostruttivi mill-attriċi ngħatat fid-9 u fl-10 ta' Settembru 2014[37]. Waqt il-kontro-eżami ta' Fabio Antonuzzi, ġie mfisser li d-diversi diżinni mogħtija lill-attriċi kienu *renders*, u ċjoè xbieha tad-dehra tal-għamara proposta, u li wara l-approvazzjoni ta' dawn jistgħu isiru diżinni tekniċi li juru anki l-qisien[38]. Wara l-approvazzjoni tad-diżinni tekniċi jsiru diżinni eżekuttivi u mbagħad wieħed jista' jipproċedi għall-produzzjoni tal-għamara[39].

22. Il-konvenuta tgħid ukoll li hija ma kellhiex funzjoni tal-institur tal-proġett (*project manager*), u ma kienx dmir tagħha li tipprovdi lill-attriċi b'diżinni ta' kostruzzjoni, xogħlijiet elettriċi, idrawliċi jew infrastrutturali[40]. Tgħid li l-mansjoni tagħha kienet li tindika għamara partikolari fejn kellha tiġi u x'kienu l-eżiġenzi tekniċi tagħha, i.e. kinitx teħtieġ provvista tal-elettriku, eċċ. Tilmenta li matul ix-xahar t'Ottubru 2014 kienet saret taf li saru tibdiliet fil-ħanut li dwarhom ma kinitx infurmata, u li nneċessitaw tibdiliet oħrajn min-naħa tagħha[41]. Kien hemm ukoll ħsarat fil-ħġieġ provdut minnha stess minn ħaddiema oħra tal-attriċi li wkoll ikkaġunaw dewmien[42].

---

[31] Fol.217.
[32] Fol.222-223.
[33] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Michele Gregori, a fol.678.
[34] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Fabio Antonuzzi, a fol.295.
[35] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Michele Gregori, a fol.414, kif ukoll fol.508.
[36] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Fabio Antonuzzi, a fol.295. Ara wkoll fol.349-356.
[37] Fol.643-644.
[38] Fol.639.
[39] Fol.640.
[40] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Fabio Antonuzzi, a fol.296, u ta' Michele Gregori, a fol.413.
[41] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Michele Gregori, a fol.415, u fol.534.
[42] Fol.528.

23. Il-konvenuta tagħmel riferenza għal żewġ okkażjonijiet li fihom l-attriċi kitbet lill-konvenuta biex tilmenta magħha li x-xogħol kien għadu mhux lest, u li hija wieġbet li x-xogħol ma kienx lest minħabba li kien għad jonqos konfermi jew deċiżjonijiet min-naħa tal-attriċi[43].

24. Il-konvenuta sostniet ukoll illi seta' kien il-każ li kien hemm xi difetti fl-għamara konsenjata, però dawn kienu ta' valur żgħir u faċilment riparabbli, u kienu normali fil-kuntest t'għamara li tinħadem b'mod appożitu għal post partikolari, kif inhu l-każ in meritu[44]. Tgħid li hija kkonsenjat lill-attriċi għamara tal-kwalità miftiehma fil-kuntratt[45]. Il-konvenuta ssostni wkoll li hija kkonsenjat xogħol addizzjonali li ma kienx maħsub fil-kuntratt oriġinali[46].

25. Barra minn hekk, il-konvenuta tgħid li l-verżjoni tal-kuntratt eżebit mill-attriċi mar-rikors ġuramentat li bih inbdiet din il-kawża ma kinitx l-aħħar verżjoni. Tgħid li l-aħħar verżjoni kien fih bidla fl-aħħar paġna tal-Appendiċi A dwar il-prezz maqbul[47], u li dan hu kkonfermat mill-pagamenti magħmula mill-attriċi u mill-offerti tal-ħlas tal-bilanċ magħmula minnha wkoll. Il-konvenuta tgħid li l-verżjoni tal-kuntratt eżebit mill-attriċi kien ġie minnha ffirmat bi żball, u li Karl Micallef f'isem l-attriċi kien intrabat li jeqred il-kopja ffirmata. Hija ssostni li l-verżjoni l-korretta ġiet iffirmata fil-25 ta' Ġunju 2014[48].

26. Dwar il-ħatra ta' perit tekniku, il-Qorti tosserva li:

- fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2018[49], l-attriċi talbet il-ħatra ta' perit tekniku «*peress hu maħsub li jsiru xogħlijiet ulterjuri fil-ħanut de quo*». It-talba ma ġietx opposta mill-konvenuta, u ġiet milqugħa minn din il-Qorti, diversament presjeduta, dakinhar stess. Il-perit tekniku nominat ingħata l-inkarigu «*sabiex jiġi kostatat ix-xogħlijiet illi saru fil-ħanut u l-kondizzjoni tal-ħanut illum*»;

---

[43] Fol.364-365.
[44] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Fabio Antonuzzi, a fol.297.
[45] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Michele Gregori, a fol.413, kif ukoll ir-ritratti eżebiti minn fol.490-504. Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Andrea Pienti, a fol.564, u r-ritratti eżebiti minn fol.580-594.
[46] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Andrea Pienti, a fol.565.
[47] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Fabio Antonuzzi, a fol.297.
[48] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Michele Gregori, a fol.412.
[49] Fol.261.

- fl-udjenza sussegwenti, u ċjoè dik tat-8 ta' Novembru 2018[50], deher il-perit tekniku maħtur li għarraf lill-Qorti li wara li żamm aċċess kien tal-fehma li l-ilmenti tal-attriċi kienu jinneċessitaw evalwazzjoni minn persuna speċjalizzata fid-diżinn tal-finituri tal-ħwienet, u għalhekk talab li jiġi eżentat mill-inkarigu. Il-Qorti għalhekk irrevokat il-ħatra tal-perit;
- b'dikriet mogħti fit-12 ta' Ġunju 2023[51], meta l-kawża kienet diġà mħollija għas-sentenza, din il-Qorti kif diversament presjeduta qieset li kienet teħtieġ assistenza teknika, u għalhekk issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza;
- fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2023[52] il-Qorti nnominat perit tekniku sabiex «*jirrelata dwar l-aspetti tekniċi tal-mertu tal-kawża u sabiex jinforma lill-Qorti jekk għandhux ħtieġa li l-Qorti tinnomina wkoll Espert ieħor fil-qasam tekniku partikolari*»;
- b'rikors imressaq fis-6 ta' Lulju 2023, il-perit tekniku talab il-ħatra ta' *quantity surveyor* sabiex jassistih fl-espletazzjoni tal-inkarigu, liema talba intlaqgħet b'dikriet tal-10 ta' Lulju 2023[53];
- fl-10 t'Ottubru 2023, il-perit tekniku ressaq rikors ieħor fejn informa lill-Qorti li l-ħanut meritu tal-kawża ma kienx għadu jeżisti fil-forma li kien jinsab fiha meta bdiet il-kawża, u għalhekk talab direzzjoni fid-dawl ta' senjalazzjonijiet oħrajn magħmula fl-istess rikors. Fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2024, u wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet u lill-perit tekniku, l-Qorti dderiġiet lill-perit tekniku jżomm seduta jew seduti «*sabiex jitlob mingħand il-partijiet dawk id-dokumenti li juru dik l-informazzjoni permezz ta' xhieda li hu jqis indispensabbli sabiex iwettaq l-inkarigu tiegħu, u li sas-seduta li jmiss l-istess Perit Tekniku u d-difensuri tal-partijiet jinfurmaw lill-Qorti bl-eżitu ta' dawn is-seduti*»[54];
- fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2024, il-perit tekniku nforma lill-Qorti li ma kienx possibbli għalih li jespleta l-inkarigu mogħti lilu «*u dan billi l-istat attwali tal-ambjenti mertu tal-kawża ma jippermettulhux jikkonstata liema xogħlijiet saru jew ma sarux qabel ma bdiet il-kawża*». Għalhekk din il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-perit tekniku u tal-*quantity surveyor* preċedentement nominat.

[50] Fol.273.
[51] Fol.779.
[52] Fol.782.
[53] Fol.786.
[54] Fol.796.

27. Esposti r-riżultanzi ewlenin emerġenti mill-atti proċesswali, huwa opportun li l-Qorti tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-meritu sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Ikkunsidrat:

28. Illi l-ewwel osservazzjoni li l-Qorti tħoss li għandha tagħmel tirrigwarda n-natura tar-rapport kontrattwali li ġie nstawrat bejn il-kontendenti. Dan għaliex għalkemm fil-kuntratt konkluż bejn il-kontendenti, jingħad li l-ftehim ta' bejniethom huwa bejgħ, l-attriċi qieset l-istess ftehim bħala wieħed t'appalt, u l-konvenuta ma jidhirx li meriet din il-pożizzjoni meħuda mill-attriċi.

29. Ġie mgħallem illi: «*La compravendita è un contratto il cui effetto più cospicuo è, come si suol dire, un effetto reale, cioè il trasferimento della proprietà. Invece l'appalto è un contratto ad effetti non diciamo esclusivamente, ma certo prevalentemente obbligatori. In ispecie, non si può affatto pensare che nell'appalto si abbia una alienazione del lavoro, cioè delle energie di lavoro, il che porterebbe a far considerare anche l'appalto come una vendita, o comunque come un negozio di alienazione affine alla vendita ... ... Se poi si passa a considerare i veri e principali effetti dell'appalto, si nota subito che la principale obbligazione dell'appaltatore è un obbligazione di fare (l'opera o il servizio), mentre invece la principale obbligazione del venditore è una semplice obbligazione di consegnare (la cosa)*»[55]. Il-ġurisprudenza tagħna fil-fatt lanqas ma qagħdet lura milli tiddistingwi bejn il-bejgħ u l-appalt, u identifikat fil-fatt bħala kriterju għal tali distinzjoni l-intenzjoni tal-partijiet fil-kuntratt, u ċioe' jekk in-negozju ġuridiku ġiex fis-seħħ bil-ħsieb li l-obbligazzjoni kuntrattata tkunx waħda "di fare" jew "di dare", skont il-każ. F'dan is-sens, ingħad: «*Għalkemm hemm diversi teoriji fid-dottrina, tidher però prevalenti, u aktar konvinċenti, it-teorija li wieħed għandu jħares lejn l-intenzjoni tal-kontraenti, u illi, jekk dawn ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazzjoni "di fare", allura l-kuntratt huwa ta' "locatio operis", mentri jekk ikunu ħarsu prinċipalment lejn l-obbligazzjoni "di dare", il-kuntratt hu ta' bejgħ*»[56].

[55] ***Rubino***, L'Appalto, §13.
[56] Ara ***Negte George E. Camilleri vs. Joseph Mamo noe*** (Kummerċ, 28/8/1951 – Kollezz. Vol.XXXV.iii.639). Fl-istess sens hemm ukoll, per eżempju, ***George Vassallo vs. Lawrence Fenech et noe*** (Appell Kummerċjali, 26/4/1988 – Kollezz. Vol.LXXII.ii.501); ***Frederick Micallef et vs. May Sullivan*** (Appell Inferjuri, 22/11/2002).

30. Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, huwa bil-wisq evidenti li minkejja n-nomenklatura tal-kuntratt mogħtija mill-kontendenti (u li ma torbot bl-ebda mod idejn din il-Qorti), il-prestazzjoni assunta mill-konvenuta kienet ċertament tinkorpora fiha l-obbligazzjoni produttiva tal-oġġett imwiegħed minnha; il-konvenuta kellha mhux biss tikkonsenja l-pussess u t-titolu tal-għamara lill-attriċi, imma kellha addirittura timmanifattura l-għamara nnifisha skont l-ispeċifikazzjonijiet maqbula mal-attriċi. M'hemmx dubju għalhekk li l-prestazzjoni assunta hija waħda «di fare» u mhux sempliċiment «di dare», bil-konsegwenza tkun li r-rapport ġuridiku u kontrattwali tal-kontendenti huwa proprjament dak t'appalt, kif korrettement premess u postulat mill-attriċi fl-att promotur li bih bdiet din il-kawża.

31. Ferm il-premess, il-Qorti jidhrilha li, qabel tibda l-evalwazzjoni tagħha tal-provi prodotti mill-kontendenti, tirrileva xi prinċipji dwar l-oneru tal-prova li għandha żżomm quddiem għajnejha waqt l-istess evalwazzjoni.

32. Il-prinċipju u r-regola ġenerali huwa kontenut fl-artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.

33. Għalkemm huwa minnu li solitament huwa l-attur li jallega u l-konvenut li jikkontesta, iseħħu każijiet fejn il-prova ta' ċerti fatti tinkombi fuq il-konvenut għaliex ikun hu stess li qed jallegahom. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-deċiżjoni ***Negte William Leonard noe vs. Capitan Angelo Casella*** (26/2/1873)[57]: «*Che la detta regola generale ha luogo si nel caso in cui l'allegante sia l'attore, sia che si tratti del convenuto, quando questi alleghi il fatto*». Ġie f'aktar dettall imfisser li:

> In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li

[57] Vol.VI.435.

> jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.
> b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;
> ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir abbażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;
> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu.[58]

34. Huwa prinċipju ieħor konsegwenzjali għall-ieħor espost aktar qabel li *actor non probante, reus absolvitur*. Dan essenzjalment ifisser li jekk il-prova ma ssirx kif imiss, min ikun iddeduċa l-fatt mhux ippruvat għandu jissokkombi għall-konsegwenzi tan-nuqqas ta' prova ta' dak il-fatt. Sfortunatament il-proċess ġudizzjarju huwa frekwentement imfixkel minn sitwazzjonijiet li fihom iż-żewġ kontendenti jmeru lil xulxin fuq prattikament kull aspett tal-kwistjoni, u b'hekk joħolqu diffikultà lil min huwa mgħobbi bid-dmir li jiddeċiedi dwar liema verżjoni għandu jsib l-aktar attendibbli. B'danakollu huwa miżmum konsistentement li mhux kull konflitt fil-provi għandu jirrisolvi ruħu fl-applikazzjoni tar-regola *actor non probante, reus absolvitur*. Fil-fatt ingħad: «*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet*

[58] ***Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi*** (Appell Inferjuri, 12/4/2007).

*differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarieda e.g. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant*»[59].

35. Sabiex jassistuha fit-tfittxija tal-verità f'kull okkażjoni li fiha jkun hemm kunflitt tal-provi, il-Qorti għandha tirrikorri għall-għodda tal-korraborazzjoni u tal-verosimiljanza. Sewwa għalhekk ġie miżmum li:

> Huwa paċifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur. Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.[60]

36. L-għodda tal-korraborazzjoni tirreferi għall-prattika li wieħed ifittex minn fonti oħrajn ta' provi elementi li jsaħħu l-verżjoni ta' parti minflok t'oħra. Il-verosimiljanza, min-naħa l-oħra, tagħti kredenza u piż lil dik il-verżjoni li l-ġudikant iqis hija aktar munita b'xebħ mal-verità, u ċjoè l-verżjoni li tkun l-aktar simili għal dak li wieħed kien jistenna li se jsib f'ċirkostanza partikolari. Kif ġie tajjeb ħafna spjegat «*...per giudicare se un*

[59] ***Brigitte Vella pro et noe vs. Richard Vella*** (Appell Superjuri, 5/10/2001).
[60] ***Maria Xuereb et vs. Clement Gauci et*** (Appell Inferjuri, 24/3/2004).

*fatto è verosimile o inverosimile, ricorriamo, senza bisogno di una diretta ricerca storica sulla sua concreta verità, a un criterio di ordine generale già acquisito in precedenza mediante l'osservazione del quod plerumque accidit: poichè l'esperienza ci insegna che fatti di quella stessa categoria avvengono normalmente in circostanzi simili a quelle che si riscontrino nel caso concreto, si desume da questa esperienza che anche il fatto in questione si presenta coll'apparenza di esser vero; e viceversa si conclude che esso è inverosimile, quando, pur potendo esser vero, sembra però in contrasto col criterio suggerito dalla normalità»*[61].

37. Niġu għalhekk biex inqisu l-meritu tal-każ.

38. Il-kwistjoni kollha essenzjalment tirriduċi ruħha għal determinazzjoni dwar jekk id-dewmien fil-konsenja tal-għamara (għaliex il-kontendenti qed jaqblu li dewmien kien hemm) kienx ħtija tal-konvenuta. Mal-kwistjoni tad-dewmien huma marbutin sfiq bosta mill-pretensjonijiet u mit-talbiet tal-attriċi, kompriż dawk għall-penali kif ukoll għal danni li hija tgħid li ġarrbet b'konsegwenza ta' dan id-dewmien. Tassew li hemm ukoll il-kwistjoni dwar il-kwalità tal-għamara konsenjata, u ċjoè jekk din ġietx konsenjata fi stat li jikkorrispondi għas-sengħa u l-arti. B'danakollu din il-kwistjoni hija waħda sa ċertu punt sekondarja fl-importanza tagħha ħdejn il-kwistjoni tad-dewmien. Dan tant hu hekk li anki fil-produzzjoni tal-provi l-aspett tad-dewmien iddomina u kien dak l-aspett li b'mod prevalenti okkupa l-attenzjoni tal-kontendenti waqt il-kors tas-smigħ tal-kawża.

39. Il-Qorti diġà aċċennat illi din il-kawża tinvolvi kunflitt fil-provi. L-attriċi, min-naħa l-oħra, tgħid li kienet il-konvenuta li damet u li Karl Micallef, id-direttur tagħha, kien f'diversi okkażjonijiet ġibed l-attenzjoni tal-konvenuta għal nuqqasijiet fid-diżinni tagħha. Il-konvenuta, min-naħa tagħha, tgħid li l-interventi ta' Micallef ma kienux jirrigwardaw difetti fix-xogħol tagħha iżda tibdiliet estetiċi u ta' stil li Micallef xtaq li jsiru sabiex l-għamara li kellha tiġi prodotta mill-konvenuta tkun aktar skont il-gosti tiegħu.

---

[61] ***Piero Calamandrei***, Opere Giuridiche, Vol.V, Sez.V, Cap.XXV, §5.

40. Iż-żewġ kontendenti ppreżentaw numru mhux żgħir ta' ittri elettroniċi skambjati bejniethom u anki bejn l-avukati tagħhom[62], kif ukoll dokumenti u ritratti sabiex isostnu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom.

41. Il-Qorti tħoss li għandha tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha mill-fatt li jirriżulta paċifiku bejn il-kontendenti – u dan huwa wieħed mill-ftit fatti li huma paċifiċi bejniethom – li ż-żmien għat-twettiq tal-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-konvenuta inbidel fil-kors tal-kuntratt. Il-kuntratt innifsu jgħid illi l-għamara kellha tkun maħduma, konsenjata u installata fil-ħanut tal-attriċi sat-28 t'Awwissu 2014[63], tant li mid-29 t'Awwissu 2014, kellhom jibdew jiddekorru l-penali. Din il-parti tal-ftehim indubjament inbidlet, u nbidlet bil-kunsens taż-żewġ partijiet. Kemm hu hekk, meta wieħed jagħrbel ix-xiehda tad-diretturi tal-attriċi jsib li huma mhux jippretendu penali minħabba li nqabżet id-data t'Awwissu 2014, u l-korrispondenza kollha eżebita tikkonferma dan kollu. Imkien ma jirriżulta li l-attriċi kitbet jew ikkomunikat mal-konvenuta sabiex twissiha bil-konsegwenzi tan-nuqqas tagħha li żżomm mad-data tat-28 t'Awwissu 2014.

42. Dan għalhekk ifisser li l-ftehim tal-kontendenti nbidel għal dak li jirrigwarda ż-żmien tal-eżekuzzjoni, u dan jista' jiġi kjarament dedott mill-komportament tal-kontendenti fiż-żmien rilevanti. Kif tajjeb spjega ***Giorgi***: «*Quando le parti contraenti abbiano eseguita una convenzione, il modo con cui l'hanno attuata chiarisce la loro volontà: e se l'hanno eseguita in parte o per qualche tempo, la convenzione deve eseguirsi nel modo medesimo anche nel rimanente e per l'avvenire*»[64]. Fl-istess sens titkellem il-ġurisprudenza tagħna (ara per eżempju ***Louis Soler vs. Nazzareno Vassallo***, Prim'Awla, 20/6/2002). Kif osservat ukoll fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru, 1971, fil-kawża ***Carmelo Calleja vs. Carmelo Sciortino***[65]:

> … minn dan is-silenzju tal-konvenut anzi mill-fatt ukoll li huwa kien baqa' jikkopera materjalment fix-xogħol, huma [il-periti ġudizzjarji] għamlu l-inferenza loġika li l-konvenut ghandu jitqies li rrinunzja għar-ritard ta' l-attur

[62] Il-Qorti qed tippuntwalizza li hija ma qisitx dawk l-ittri, elettroniċi u mhux, li ġew eżebiti minn parti u li juru korrispondenza mibgħuta bla preġudizzju mill-parti l-oħra.
[63] L-Appendiċi B tal-kuntratt (fol.30) kien jipprovdi li fit-22 t'Awwissu 2014 kellhom jitlestew ix-xogħlijiet, u l-jiem bejn it-22 u it-28 t'Awwissu kellhom jintużaw «*per completamenti*».
[64] Teoria delle Obbligazioni, Vol.IV, §182.
[65] Inedita u mhux pubblikata.

> almenu għal żmien konsiderevoli, għax kif qalu huma (fol 135) "hu prinċipju komunement applikat fil-ġurisprudenza li jekk bniedem ikun jaf li stat ta' fatt li jintitolah jeserċita dritt u jħalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi mingħajr ma jaġixxi għad-dritt tiegħu, u lanqas almenu jipprotesta, allura t-titolar tad-dritt jista' jitqies, fiċ-ċirkostanzi kongruwi, li jkun irrinunzja għall-prosegwiment ta' dak id-dritt, u dan il-prinċipju japplika partikolarment għall-konvenut li kien il-kuntrarju ta' spettatur passiv

43. Isegwi għalhekk li l-iskadenza tat-28 t'Awwissu 2014 ma baqgħetx torbot lill-konvenuta, bl-aċċettazzjoni tal-attriċi. Il-Qorti tosserva li l-attriċi ma offriet ebda spjegazzjoni ċara għaliex dan seħħ, u l-konsegwenza ta' dan in-nuqqas loġikament għandha tkun li l-Qorti taddotta r-raġuni offruta mill-konvenuta, u ċjoè li kien hemm bdil fix-xogħol li kellu jitwettaq mill-konvenuta b'mod li din kienet tinneċessita aktar żmien biex twettqu. Barra minn hekk, jidher li l-ħanut tal-attriċi ma kienx għadu lest mix-xogħlijiet sal-aħħar t'Awwissu 2014[66], u skont il-ftehim dan kellu jwassal biex l-attriċi ġġarrab penali favur il-konvenuta. Konsegwenza li però ma ġietx applikata wkoll bi qbil bejn il-kontendenti.

44. La darba l-ewwel żmien miftiehem għall-eżekuzzjoni tal-prestazzjoni assunta mill-konvenuta ġie abbandunat, il-Qorti trid tara jekk mill-provi prodotti jirriżultax li l-kontendenti ftehmu terminu ġdid bl-applikazzjoni tal-penali għall-ksur ta' dak it-terminu. Dan naturalment jinneċessita prova li seħħ *idem placitum consensus* dwar iż-żmien il-ġdid u l-konsegwenzi tan-nuqqas t'osservanza tiegħu. Eżaminati l-provi, l-Qorti jidhrilha madanakollu li minnhom ma jirriżultax li sar ftehim ċar u tond dwar żmien ġdid u penali marbuta mal-ksur ta' dak iż-żmien ġdid iffissat mill-partijiet. Huwa minnu li jidher li l-isforzi tal-kontendenti kienu diretti lejn il-kompletazzjoni tal-għamara sal-aħħar ta' Novembru 2014, li kien il-jum ġdid li fih l-attriċi pjanat li tiftaħ il-ħanut tagħha. Però l-provi ma jurux li kien hemm qbil ċar li n-nuqqas t'osservanza ta' dan it-terminu kien se jqiegħed lill-konvenuta *in mora* u jwassal biex hija ġġarrab il-penali.

45. Il-fatt li ma sar ebda ftehim fuq terminu ġdid huwa ulterjorment fortifikat mill-fatt li fir-rikors ġuramentat l-attriċi torbot il-pretensjonijiet tagħha dwar id-dewmien tal-

[66] Ara x-xiehda ta' Lloyd Ciappara, a fol.252-253, u r-ritratti eżebiti a fol.254-255.

konvenuta mat-terminu li kellu jagħlaq fid-29 t'Awwissu 2014 u mal-ebda terminu ieħor. Terminu li però kif rajna ġie abbandunat miż-żewġ partijiet. **Il-Qorti tifhem li kieku tassew sar ftehim fuq terminu ġdid, dan kien jissemma fir-rikors ġuramentat**.

46. Il-Qorti qed tqis li l-provi juru, almenu ċertament fuq bilanċ ta' probabbilità, li l-ftehim bejn il-kontendenti nbidel u dan prinċipalment minħabba bidliet fid-diżinni li abbażi tagħhom kellha tiġi manifatturata l-għamara mill-konvenuta. Il-kuntratt kien jippostula l-approvazzjoni ta' dawn id-diżinni sal-25 ta' Ġunju 2014. Din id-data ma nżammitx u mill-atti ma jirriżultax li, almenu sa dak iż-żmien, il-ħtija ta' dan kien qed jiġi attribwit mill-attriċi lill-konvenuta.

47. L-artikolu 1053(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li: «*Il-kondizzjoni potestattiva hija dik li tagħmel l-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li waħda jew l-oħra mill-partijiet li jikkuntrattaw tkun tista' ġġiegħel jew ma tħallix li tiġri*». Issa l-approvazzjoni tad-diżinni kienet neċessarjament u loġikament kondizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-manifattura tal-għamara – mingħajr l-approvazzjoni tad-diżinni l-għamara ma setgħet qatt issir. Dik l-approvazzjoni kienet dejjem fatt li jrid jitwettaq mill-attriċi, li hija l-kreditur tal-obbligazzjoni. Jekk l-approvazzjoni ma tingħatax, l-obbligazzjoni tal-manifattura tal-għamara ma tiġix fis-seħħ; «*Mentre la condizione è pendente, l'obbligazione non esiste ancora*»[67]. L-attriċi tista' toġġezzjona u tgħid li l-approvazzjoni tagħha ma ngħatatx minħabba li d-diżinni kien fihom nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuta. Iżda anki jekk il-provi ma jikkonvinċux lill-Qorti li dan kien essenzjalment il-każ, jibqa' l-fatt li qabel tingħata dik l-approvazzjoni, l-obbligazzjoni biex tiġi manifatturata u eventwalment konsenjata l-għamara ma tiskattax. Kif jispjega ***Baudry Lacantinerie***: «*Quando il creditore ha fatto quanto era in suo potere per l'adempimento della condizione potestativa o mista, nel caso in cui essa dipendeva dalla sua volontà, si può considerare che la medesima sia adempiuta? La buona volontà del creditore non basta, almeno nelle convenzioni; ne vale obiettare che il venir meno della condizione è dovuto a forza maggiore*»[68].

---

[67] ***Toullier***, Il Diritto Civile Francese (Napoli, 1859), Vol.III, §526.
[68] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile: Trattato delle Obbligazioni, Vol.II, §794.

48. Il-provi prodotti juru li l-approvazzjoni tad-diżinni saret mill-attriċi fil-bidu ta' Settembru 2014, u kien minn hemm imbagħad li ġie fis-seħħ l-obbligu tal-konvenuta li timmanifattura u tikkonsenja l-għamara.

49. Il-fatt li ż-żminijiet miftehma fil-kuntratt ġew abbandunati bi qbil bejn il-kontendenti kellu bħala konsegwenza ġuridika tiegħu li l-prestazzjoni li kellha titwettaq mill-konvenuta ġiet mingħajr żmien marbut magħha għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni tagħha. Issa kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Charles Portelli et vs. Joseph Darmanin et pro et noe*** (Kummerċ, 20/1/1959)[69]: «*Illi skond il-liġi tagħna, meta konvenzjoni ma tiffissax terminu għall-adempiment tagħha, sempliċi ritard tad-debitur, għalkemm prolungat jista' jkun dak ir-ritard, mhux biżżejjed biex id-debitur jiġi dikjarat inadempjenti; imma jeħtieġ li jkun hemm ritard legali, jiġifieri li d-debitur ikun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tiegħu għal dak l-effett b'interpellazzjoni per mezz ta' att ġudizzjarju da parti tal-kreditur*». Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***John Fenech vs. Napoleone Grech*** (Kummerċ, 30/5/1961)[70] fejn intqal:

> Ma jirriżultax li ġie appost terminu għall-eżekuzzjoni tal-appalt u allura l-attur seta' jeżegwieh f'kull żmien, sakemm ma jiġix kostitwit f'mora; il-għaliex fil-mora, li hija r-ritard legali, wieħed ma jinkorrix jekk mhux meta l-obbligazzjoni tkun skaduta, jew bl-iskadenza tat-terminu stabbilit jew, fid-difett ta' dan it-terminu, bil-kostituzzjoni tad-debitur fil-mora, li skond il-liġi tagħna ssir b'interpellazzjoni b'att ġudizzjarju dirett lid-debitur, li fih jiġi lil dan intimat l-adempiment tal-obbligazzjoni tiegħu.

50. B'danakollu, jirriżulta li l-attriċi fetħet il-ħanut tagħha fl-aħħar ta' Novembru 2014, u għalkemm id-direttur tagħha, Karl Micallef, ilmenta li l-ftuħ sar mingħajr ma kien hemm kollox lest, il-Qorti ma jidhrilix li din l-allegazzjoni ġiet ippruvata kif imiss. Dak li jirriżulta mill-provi huwa li l-għamara ġiet konsenjata u installata, anki jekk dan kollu sar prattikament bl-eżatt sabiex id-data magħżula għall-ftuħ tal-ħanut tinżamm.

51. Din il-Qorti jidhrilha li l-attriċi ma tistax tippretendi danni jew penali mingħand il-konvenuta minħabba tardività, la darba mill-provi qed jirriżultalha: (i) li l-ftehim

[69] Kollezz. Vol.XLIII.iii.846.
[70] Kollezz. Vol.XLV.iii.820.

inizjali dwar żmien u penali li sar bil-kitba ġie abbandunat bi qbil tal-kontendenti; (ii) li l-provi ma jurux li l-kontendenti laħqu ftehim ġdid dwar żmien ieħor li bl-iskadenza tiegħu kellha titqies moruża l-konvenuta; (iii) li l-attriċi qatt ma qiegħdet lill-konvenuta *in mora* b'ittra uffiċċjali; (iv) li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar id-diżinni li abbażi tagħhom kellha tiġi manifatturata l-għamara li mpedixxa lill-konvenuta milli tipproċedi b'dik il-manifattura fiż-żminijiet oriġinarjament konċepiti; (v) li l-attriċi fetħet il-ħanut fl-aħħar ta' Novembru 2014 kif xtaqet.

52. Huwa minnu li rriżulta li fl-istallazzjoni tal-għamara l-attriċi sejħet terzi sabiex jassistu ħalli x-xogħol jilħaq isir, u huwa minnu wkoll li rriżulta li l-ħaddiema mibgħuta mill-konvenuta ma baqgħux fuq il-lant tax-xogħol sakemm lestew. Dawn huma nuqqasijiet min-naħa tal-konvenuta, imma m'humiex nuqqasijiet li weħidhom iwasslu lill-Qorti sabiex tattribwilha l-konsegwenzi tal-inadempiment sħiħ tal-prestazzjoni tagħha fid-dawl tal-konklużjonijiet li l-Qorti diġà waslet għalihom aktar qabel.

53. Għalhekk il-Qorti qed issib li l-attriċi ma seħħilix turi li l-konvenuta kienet legalment tardiva u moruża fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tagħha.

54. Niġu issa għall-pretensjoni tal-attriċi li l-għamara konsenjata mill-konvenuta ma kinitx tikkorrispondi mad-dettami tas-sengħa u l-arti. Prova din li, kif diġà ġie spjegat, kellha wkoll issir mill-attriċi.

55. Il-Qorti jidhrilha li l-attriċi ma ressqitx provi suffiċjenti lanqas f'dan ir-rigward. L-uniċi provi li ressqet dwar dan l-aspett tal-pretensjonijiet tagħha jikkonsistu mix-xiehda ta' Karl Micallef, li l-Qorti ma tqisx suffiċċjenti in kwantu għall-kontenut tagħha biex tqis ippruvata l-azzjoni attriċi. L-attriċi riedet ukoll issostni t-talbiet tagħha għad-danni dwar din il-kawżali partikolari abbażi tax-xiehda ta' Alessandro Ridolfi, u l-istima mħejjija minnu. Il-Qorti però ma tistax tinjora li fil-kontro-eżami tiegħu, Ridolfi stqarr li ħafna mill-elementi kompriżi fl-istima tax-xogħlijiet mitluba minnu kienu estetiċi u mhux riparatorji[71].

[71] Fol.719.

56. Il-Qorti kienet tistenna li l-prova tal-konsenja t'għamara mhux skont is-sengħa u l-arti ssir permezz tax-xiehda ta' professjonisti fil-qasam li jixhdu dettaljatament dwar in-nuqqasijiet riskontrati. Prova li ma saritx. L-attriċi ma tistax tippretendi li tirnexxi fit-talbiet tagħha abbażi ta' xiehda ġenerika u stima ekwivoka li tkopri xogħlijiet li jmorru lil'hinn mir-riparazzjoni tad-difetti lamentati minnha. L-attriċi aktarx naqset meta fil-bidu tal-kawża, wara li l-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-perit tekniku għaliex dan indika li kellu jiġi nominat xi ħadd b'għarfien differenti minn tiegħu, ma nsistietx li persuna bl-għarfien neċessarju tiġi nominata minfloku sabiex il-perizja teknika tkun tista' ssir xorta.

57. Fuq dak li hemm fl-atti, din il-Qorti ma ssibx il-konvinċiment neċessarju sabiex tikkonkludi li l-konvenuta kkonsenjat xogħol li kien difettuż, u anki minn dan l-aspett it-talbiet tal-attriċi ma jirriżultawx fondati.

58. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-uniku eċċezzjoni tal-konvenuta, tiċħad it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontriha.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur